**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, disgħa (9) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3297/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

Vs

**Mohamed Hussein Abdi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Mohamed Hussein Abdi** ta' disgħa u għoxrin (29) sena, iben Hussein u Farhia, imwieled Mogadishu (Somalia), fit-tnejn (2) ta' Jannar 1995, mingħajr residenza fissa u detentur ta' permess residenzjali Malti bin-numru 79186(A) fejn ġie akkużat talli nhar it-tmienja (8) ta' Mejju 2024 ġewwa l-Ġnien Patri Felicjan Bilocca, Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa u/jew ġewwa dawn il- gżejjer Maltin:-

(1) kellu fil-pussess tiegħu ‘droga’ u/jew ‘sustanza psikoattiva ġdida’ hekk kif definita fl-artikolu 118A (1) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u fl-artikolu 120A (2) tal-Kap 31, dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinux għall-użu esklussiv tiegħu;

(2) kif wkoll talli ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u dan bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(3) kif wkoll talli jgħix ħajja ta’ għażż u ta’ vagabundaġġ dan bi ksur tal-artikolu 338 (w) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti

wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għall-fini ta' piena il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissjoni bikrija tal-akkużat kif wkoll il-fatt li huwa jbati mill-vizzju tad-droga u t-traffikar tad-droga kien wkoll mezz sabiex huwa jiffinanzja l-vizzju tiegħu stess.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 118A(1) u 120A(2) tal-Kap. 31, l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-artikolu 338(w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah **għall-piena ta' tnax (12) -il xahar priġuneriuja effettivi**.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikutajiet relatati mal-vizzju tad-droga, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perijodu ta' sentejn</u>** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23B tal-Kap. 9 qed tordna wkoll il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-flus kollha esebiti stante li dawn huma r-rikavat mir-reati li l-ħati ammetta għalihom.

Finalment il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha esebita.

Il-Qorti tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Ħabs sabiex joffri l-għajnuna kollha possibbli sabiex il-ħati jegħleb il-vizzju tad-droga.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**